## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 251/2018

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Sabrina Camilleri**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2019

Il-Qorti;

**Sentenza wara denunzja tal-Ufficcjal tal-Probation ai termini tal-artikolu 21, Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta.**

Rat ir-rikors tal-Ufficcjal tal-Probation intavolat fir-registru ta' din il-Qorti fis-6 ta' Novembru, 2019 li jaqra hekk:

1. Illi bis-sentenza msemmija hawn fuq [Il-Pulizija vs Sabrina Camilleri deciza 28.3.2019] kienet appuntata Ufficjal tal-Probation ta' Sabrina Camilleri.

2. Illi Sabrina Camilleri naqset milli tattendi appuntamenti gewwa l-Ufficcju tal-Probation u Parole;

3. Illi minhabba Sabrina Camilleri mhux qed tattendi ghall-appuntamenti, mhux qed toqghod ghal kundizzjonijiet '*li taghti lill-Ufficcjal tal-Probation dawk il-urine samples li tista' minn zmien ghal-iehor tigi mitluba sabiex jigu analizzati ghall-presenza o meno ta' sustanzi illegali*';

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi, l-esponenti thossha fid-dmir illi tattira l-attenzjoni ta' din ir-rispettabbli Qorti ghal dan il-fatt, biex il-Qorti tiehu dawk il-mizuri li jidrilha xierqa u opportuni.

Semghet lill-Ufficjal tal-Probation bil-gurament;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

1. Illi din hija procedura ta' denunzja kontra *probationee* maghmula mill-Ufficcjal tal-Probation li kienet appuntata sabiex tissorvelja lill-istess *probationee* wara sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet premessi. Tajjeb illi ghall-kwadru komplet tal-kwistjoni odjerna jkunu esposti l-fatti rilevanti bl-ewwel fosthom tkun is-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu, 2019 kontra l-imputata fl-appell numru 251/2018 fl-ismijiet fuq premessi;

2. L-imputata kienet tressqet quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bis-segwenti imputazzjonijiet:

a) Talli nhar is-26 ta' Settembru 2017 għall-ħabta ta' 08:45hrs ġewwa San Giljan, attakat jew għamlet rezistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, u cioe WPC Abigail Couldrey, filwaqt li kienet qed taġixxi għall-esekuzzjoni tal-Liġi jew ta' ordni mogħti skond il-Liġi mill-awtorita' kompetenti;

b) Aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi inġurjat jew heddedt jew għamlet offiża fuq il-persuni ikarigati skond il-Liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienet qed tagħmel jew minħabba li tkun għamlet dan is-servizz bil-ħsieb li tinfluwixxi jew tbezzgħa fuqha kontra l-Liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuna ta' WPC 59 Abigail Couldrey;

c) Aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ikkaġunat ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' WPC 59 Abigail Couldrey skond kif iċċertifika Dr. Glenn Garzia MD Med. Reg 3226;

d) Aktar talli fl-istess data, ħin u lok ma obdietx l-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija;

e) Aktar talli fl-istess data, ħin u lok, kisret il-bon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;

f) Aktar talli fl-istess data, ħin u lok waqt li kienet qed issuq vettura b'numru ta' reġistrazzjoni SAB241 tal-għamla Mercedes-Benz u kienet ser tibdel id-direzzjoni jew il-kors naqset milli teżerċita l-kura u attenzjoni xierqa u turi l-intenzjoni tagħha billi naqset milli tagħmel sinjal b'indikatur tat-traffiku jew b'dawl ta' indikatur;

Il-Qorti kienet mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurta ta' WPC 59 Abigail Couldrey kif jidhrilha xieraq skond l-Artikolu 383 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Illi l-ewwel Qorti kienet sabet lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha hlief ghall-ewwel wahda li minnha lliberatha u kkundannatha ghal-piena tal-multa ta' €900 izda wara appell interpost mill-Avukat Generali, din il-Qorti kkonfermat il-liberatorja kwantu l-ewwel imputazzjoni kif ukoll is-sejbien ta' htija fl-imputazzjonijiet l-ohra u oltre l-multa ta' €900, qieghdet lill-imputata fuq Ordni ta' Probation ghal-zmien sentejn (2) fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta;

4. Illi in segwitu ghal din l-ordni kienet nominata Ufficcjal tal-Probation sabiex issegwi lill-imputata. Fis-6 ta' Novembru 2020, izda, l-istess Ufficjal hasset id-dover li tiddenunzja lill-imputata ghar-ragunijiet kif jidhru *supra*. L-istess ufficjal xehedet illi mal-hatra taghha in sostituzzjoni ta' ufficjal iehor li kienet qed issegwi lill-imputata, kienet bghatitilha tlett ittri sabiex tattendi ghall-appuntamenti izda qatt ma attendiet. Mill-file tal-*probationee* irrizulta li qatt ma kienet halliet

kampjun tal-urina minkejja ordni tal-Qorti f'dan is-sens. Kienet ukoll ikkomunikat mal-imputata permezz tat-telefon izda xorta wahda qatt ma attendiet;

5. Sabrina Camilleri xehedet illi dejjem marret ghall-appuntamenti u li kienet ghadha kemm weldet tarbija. Mwissija mill-Qorti dwar kif qed tixhed qalet illi dejjem attendiet meta kellha karozza izda wara li harget tqila kellha tnehhi l-karozza u ma setghetx tmur ghall-appuntamenti b'tarbija fuq tal-linja. Ghal darb'ohra l-Qorti wissiet lix-xhud illi ma kienx ragjonevoli li tinjora l-appuntamenti minghajr ma titlob li dawn isiru f'hin iehor jekk il-hin moghti ma kienx wiehed komdu u li ma kienx ragjonevoli ukoll l-argument illi kien ghad jonqos biss xaharejn biex tiskadi l-ordni ta' probation. In vista ta' dan il-Qorti ddiferiet il-kaz ghall-data ohra sabiex l-Ufficjal tal-Probation taggorna lill-Qorti b'xi kambjamenti li setghu isehhu fil-mori;

6. Illi fl-ahhar udjenza, l-Ufficjal tal-Probation infurmat lill-Qorti illi ma kien sar l-ebda kambjament fl-attitudini tal-*probationee*. Oltre dan kienet irrizultat pozittiva ghat-tehid ta' sustanzi illeciti u rrizultalha illi dan sehh wara li l-istess *probationee* harget mal-hbieb taghha u ma setghetx tirrezisti ukoll meta kienet taf bid-data li fiha kellha thalli kampjun tal-urina;

7. Illi minn dak li ingieb a konjizzjoni tal-Qorti huwa bil-wisq evidenti illi l-*probationee* mhix disposta, almenu ghalissa, li taqbad it-triq is-sewwa anke jekk inhi omm ta' zewgt itfal wahda minnhom ta' cirka sena u nofs jew sentejn. Fis-sentenza li fiha l-*probationee* kienet tqieghdet taht Ordni

ta' Probation, din il-Qorti ghazlet "*illi timxi pass pass fil-gradwatorja tal-piena sabiex l-appellanta tifhem li b'hekk qed tinghata kull opportunita' li tirriforma ruhha qabel ma jkun applikat l-estrem tal-inkarcerazzjoni effettiva".* Il-Qorti kienet ukoll spjegat lill-imputata l-obbligi taghha naxxenti minn dik is-sentenza u minkejja dan, ghazlet illi tinjora din l-opportunita, tinjora lill-uliedha u tfittex dak li jwarrabha mill-ghajnuna li qed jipprestalha l-Istat ghar-riforma taghha;

8. Illi ghalhekk, wara li rat l-artikoli 17(d), 95, 221, 222, 338(ee), 338(dd) u Regolamenti 71 u 85 tal-AL 128/94 u art 55 tal-Kap 65 tal-ligijiet ta' Malta, filwaqt illi tirrevoka l-Ordni ta' Probation imposta minn din il-Qorti bis-sentenza taghha tat-28 ta' Marzu, 2019, tikkundanna lill-Sabrina Camilleri ghal piena ta' sena (1) prigunerija liema sentenza ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk il-hatja tikkometti reat iehor punibbli bi prigunerija matul il-perjodu ta' sentejn mil-lum fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

9. Il-Qorti spjegat fi kliem car lill-hatja l-obbligi taghha naxxenti minn din is-sentenza u l-istess hatja ddikjarat illi fehemet dak lilha mfisser minn din il-Qorti.